MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1921/2004

**Carmela Testa u Alfred Testa**

**Vs**

**Maria Concetta Chetcuti**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenuta thallas is-somma ta' mija u wiehed u sittin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm161.36c) rapprezentanti sehem il-konvenuta minn spejjez li thallsu mill-atturi sabiex isir xoghol fis-sistema tad-dranagg fil-fondi 4 u 5 fi Triq ir-Rebbiegha, Bugibba.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha wiegbet illi in linea preliminari m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attrici Carmela Testa u fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma esagerati u dan kif jirrizulta mir-Rapport tal-Perit Reuben Lautier. Il-konvenuta kienet wara li offriet il-hlas ta' l-ammont hekk illikwidat mill-imsemmi Perit u dan gie rrifjutat mill-attur sabiex tezimi ruhha minn kwalsijasi responsabbilta', ddepozitat taht l-Awtorita' tal-Qorti l-ammont illikwidat mill-imsemmi Perit u dan sar qabel ma gew intavolati l-proceduri odjerni skond Cedola ta' Depozitu li giet pprezentata fl-24 t'Ottubru, 2004.

Sema' x-xhieda ta' Alfred Testa, Carmela Abela, Charles Abela, Perit Reuben Lautier, Victor Grech u tal-konvenuta.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Edward Gatt ghall-atturi u ta' Dr Carlo Vigna ghall-konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi kien hemm hsara fis-sistema tad-dranagg li jservi l-fondi 4 u 5 fi Triq ir-Rebbiegha, Bugibba liema proprjetajiet huma appartenenti lil Carmela Testa u lil Maria Concetta Chetcuti. Il-post numru 5 fi Triq ir-Rebbiegha li jismu 'Santa Rita' jappartjeni lill-konvenuta u jinsab mikri lil Carmela Abela.

Sabiex isiru t-tiswijiet necessarji l-partijiet ftiehmu li dawn isiru minn Alfred Testa u biex isir hekk kellha tinfetah l-art tal-post tal-konvenuta. Jirrizulta li x-xoghlijiet hadu certu zmien u wara li Alfred Testa pprezenta l-kontijiet lill-konvenuta, hija deherilha li dawn kienu esagerati. Hija talbet l-ircevuti sabiex tkun tista' tikkonferma jekk l-ammont mitlub huwiex korrett izda milli jidher hi ma kienetx sodisfatta u ghalhekk il-konvenuta nkarigat lill-Perit Reuben Lautier sabiex jaghmel stima.

Quddiem it-Tribunal xehed il-Perit Reuben Lautier li kkonferma l-istima tieghu li tinsab esebita a fol 7 tal-

process izda l-Perit iddikjara illi din l-istima ma tikkomprendix il-*backfilling*, cjoe' l-konkos li ntuza sabiex it-trinka tintradam u x-xoghol relattiv sabiex isir dan l-irdim bil-konkos li b'kollox jikkalkula li jkunu sittin lira Maltin (Lm60). Inoltre huwa ddikjara illi l-istima tieghu ta' sitta u disghin lira Maltin (Lm96) hija ta' nofs. Illi ghalhekk kieku wiehed kellu jaccetta li ma' dan il-kont jizdied il-*backfilling*, il-kont totali jitla' ghal mitejn u tnejn u hamsin lira Maltin (Lm252).

Illi inoltre, fl-istima tal-Perit Reuben Lautier m'hemmx inkluz il-VAT.

Jekk wiehed jaghmel paragun ma' din il-konkluzjoni mal-kont ipprezentat mill-atturi a fol 17 tal-process, wiehed jinduna li d-differenza bejn dak li qed jintalab mill-atturi u dak li qed tikkwantifika l-konvenuta hija minima.

It-Tribunal jidhirlu illi ma gewx prodotti provi illi l-attur huwa *VAT registered person* jew li hareg ircevuta tal-VAT.

It-Tribunal anki pprova jaghmel paragun ma' l-ircevuti esebiti mill-attur mal-kont minnu pprezentat izda sabha difficli biex jorbot wiehed ma' l-iehor u ghalkemm mhux qed jigi eskluz li dawn l-ircevuti jkopru proprju s-*supplies* li ntuzaw ghax-xoghlijiet in kwistjoni, pero' l-ircevuti esebiti m'humiex daqshekk cari li jista' jinghad minghajr dubju li effettivament jirrigwardaw is-*supplies* mertu tal-kawza odjerna. M'hemmx dubju pero' illi effettivament inxtraw xi affarijiet u li xi affarijiet intuzaw biex isiru x-xoghlijiet.

It-Tribunal huwa wkoll konvint illi effettivament il-*backfilling* mitlub mill-attur sar u li ghalhekk, mal-kont stmat mill-Perit Reuben Lautier ghandha tizdied is-somma ta' sittin lira Maltin (Lm60).

It-Tribunal ma jidhirlux li ghandu jkun hemm VAT imhallas lill-attur stante illi anki fl-*invoice* relattiva ma jsemmix li hija *VAT invoice* u lanqas m'hemm indikazzjoni ta' *VAT number* ta' l-attur.

Illi ghalhekk it-Tribunal jikkonkludi li x-xoghlijiet in kwistjoni ghandhom jigu stmati ghas-somma ta’ mitejn u tnejn u hamsin lira Maltin (Lm252) u dan billi qed izid is-somma ta’ sittin lira Maltin (Lm60) mas-somma ta’ mija u tnejn u disghin lira Maltin (Lm192) kif stmati mill-Perit Reuben Lautier. Nofs din is-somma ghandha tithallas mill-konvenuta u cjoe’ s-somma ta’ mija u sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm126).

Illi l-atturi talbu s-somma ta’ mija u wiehed u sittin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm161.36c) izda l-konvenuta offriet is-somma ta’ sitta u disghin lira Maltin (Lm96) u anki pprezentat Cedola ta’ Depozitu. L-ammont illikwidat minn dan it-Tribunal jirrapprezenta bejn wiehed u iehor nofs id-differenza bejn il-partijiet u konsegwentement, in vista tal-premess, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.
Finalment ghandha tigi ttrattata l-eccezzjoni preliminari fejn il-konvenuta ssostni li m’ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma’ l-attrici Carmela Testa. Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fil-fatt Alfred Testa, li ghamel ix-xoghlijiet, ma thallasx tal-kont kollu u kien ikollha nteress guridiku kieku kien jirrizulta li Carmela Testa hallset is-somma ntiera lil Alfred Testa - affermazzjoni li fil-fatt ma tirrizultax u ghalhekk din l-eccezzjoni qieghda tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront ta’ l-attrici Carmela Testa, qieghed jilqa’ in parte t-talba ta’ l-attur Alfred Testa fil-konfront tal-konvenuta u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lil Alfred Testa s-somma ta’ mija u sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm126) bl-interessi. L-ispejjez ikunu kwantu nofs ghall-attur Alfred Testa u nofs ghall-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------